TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

DECIZJONI NRU. 25/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Mario Micallef
u
Malta Decorative Glass Co. Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Chairman : G.A. Craig

Data : 7 ta' Settembru 1978

Il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura b'ittra tas-27 ta' Gunju 1978, irriferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 il-kwistjoni tax-xoghol dwar tkeccija ta' Mario Micallef mill-Kumpanija, Messrs Malta Decorative Glass Co. Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

Il-kaz instema' f'seba' seduti li fihom deher ghall-Kumpanija s-Sur Joseph Zammit, B.A. (Hons.)Econ, A.C.I.S.A., D.Inst.M, H.N.C., F.E.A.A., assistit mis-Sur Anthony Mangion waqt li l-appellant is-Sur Mario Micallef tkellem ghalih in-nifsu. F'dawn is-seduti instemghu bhala xhieda ghall-Kumpanija Angelo Bartolo (Segretarju tat-Taqsima tal-Petrol, Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union), Joseph Dalli, Carmen Bezzina (ex-Segretarj tal-Kumpanija) Dominic Cutajar, Joseph Sultana, John Borg, Anthony Agius, Vincent Magri, Joseph Said. Fuq talba tat-Tribunal instema' wkoll Emanuel Mercieca.

/.....

Statements of Case. L-appellant qal li hu gie mkecci mill-Kumpanija wara li l-ewwel tawh il-leave kollu u mbaghad gie mistoqsi biex jirtira voluntarjament, u meta dan ma accettax gie mghoddi Board. Inghad li l-akkuzi fil-fehma tieghu ma kienux serji u ghadu ma jistax jifhem kif ta' xi whud minnhom instab hati meta hu kien ta ragunijiet ghal kull akkuza migjuba kontra tieghu u kellu provi sodi biex jipprova li hu ma kellu ebda htija. Sofra l-qaghad, gie ttimbrat halliel u ta' kondotta hazina u ghalhekk ried jidher quddiem it-Tribunal biex juri li ma kellu ebda htija.

Il-Kumpanija illimitat ruhha f'dan l-istadju billi tipprezenta xi dokumenti li huma kif jidher hawn taht:

a) kopja ta' ittra tal-appellant mic-Chairman tal-Kumpanija bid-data tat-30 ta' Dicembru 1977;
b) kopja ta' ittra mill-appellant lic-Chairman bid-data tat-2 ta' Jannar 1978;
c) kopja ta' lista ta' ordnijiet u 'Summary' taghhom;
d) kopja ta' ittra mic-Chairman tal-Kumpanija lill-appellant bid-data tat-12 ta' Jannar 1978;
e) kopja ta' ittra mill-appellant lic-Chairman bi twegiba bid-data tat-13 ta' Jannar 1978
f) kopja ta' ittra lill-appellant mic-Chairman bid-data tas-26 ta' Jannar 1978 u annexes 'A' 'B' 'C' 'D' 'E' 'F';
g) kopja tar-Rapport tal-Bord tad-dixxiplina li fih gie misjub hati l-appellant minn xi akkuzi.

Dawn id-dokumenti sostnit il-Kumpanija kienu stampa cara ta' kif waslet u fuqhiex waslet it-tkeccija ta' l-appellant.

Dokumenti esebiti - L-appellant esibixxa dawn id-dokumenti:

1. Kopja ta' ittra 15th November 1977 - Dok.H.
2. Kopja ta' daily report ta' Local Sales dat: 9.11.77 u 8.11.77 - Dok.I.

/.....

3. Kopja ta' daily report ta' Local Sales datat 14.11.77 u li tinkorpora ukoll zewg ittri wahda lil Mrs Agius Ferrante u lil Mr P. Micallef - Dok.J.
4. Kopja ta' ittra lill-Manager, Ramla Bay Hotel, datat 16th December 1977, u ta' Daily Report tal-Local Sales dated 7.11.77 - Dok.K.
5. Kopja ta' zewg ittri datat 16th December, 1977, lil Mr V. Chetcuti u lil Mrs Carm. Azzopardi - Dok.L.
6. Kopja ta' ittra datat 16th December 1977, lil Mr D. Sammut - Dok.M.
7. Kopja ta' zewg ittri lil Mr P. Micallef u lil Mr Pace datat 15th u 16th December, 1977 rispettivament - Dok.N.
8. Kopja ta' Daily Report tal-Local Sales Section datat 10.11.77 - Dok.O.
9. Kopja ta' Daily Report tal-Local Sales Section datat 11.10.77 - Dok.P.
10. Kopja ta' Receipt No. 1008 ghall-ammont ta' £M89.32,2 - Dok.Q.
11. Kopja ta' order Form No. 0410 - Dok.R.
12. Kopja ta' order Form No. 0411 - immarkata Dok.S.
13. Kopja ta' order Form No. 0412 - immarkata Dok.T.
14. Kopja ta' Invoice No. 1303 - immarkat Dok.U.
15. Kopja ta' Invoice No. 1304 - immarkat Dok.V.
16. Kopja ta' Invoice No. 1305 - immarkat Dok.W.
17. Kopja ta' Invoice No. 1306 - immarkat Dok.X.
18. Kopja ta' Order Form No. 0433 - immarkat Dok.Y.
19. Kopja ta' Delivery Note No. 0674B - immarkat Dok.Z.
20. Kopja ta' Invoice No. 1322 - immarkat Dok. AA.
21. Kopja ta' Invoice No. 1320 - immarkat Dok. BB.
22. Kopja ta' Temporary Receipt No. 0060 - immarkat Dok. CC.
23. Kopja ta' Order Form No. 0405 - immarkat Dok. DD.
24. Kopja ta' Delivery Note No. 0668B - immarkat Dok. EE.
25. Kopja ta' Invoice No. 1310 - immarkat Dok. FF.
26. Kopja ta' Order Form No. 0423 - immarkat Dok. GG.
27. Kopja ta' Delivery Note No. 0657B - immarkat Dok. HH.
28. Kopja ta' Invoice No. 1253 - immarkat Dok. II.

/.....

29. Kopja ta' Delivery Note No. 0546B - immarkat Dok. JJ;
30. Kopja ta' Order Form No. 0424 - immarkat Dok. KK.
31. Kopja ta' Invoice No. 1256 - immarkat Dok. LL.
32. Kopja ta' Order Form No. 0429 - immarkat Dok. MM.
33. Kopja ta' Order Form No. 0435 - immarkat Dok. NN.
34. Kopja ta' Invoice No, 1323 - immarkat Dok. OO,
35. Kopja ta' Delivery Note No. 0672B - immarkat Dok. PP.
36. Kopja ta' Order Form No. 0438 - immarkat Dok. QQ.
37. Kopja ta' 'Goods returned damaged u goods to be replaced - immarkat Dok. RR.
38. Kopja ta' Delivery Note No. 0684B - immarkat Dok. SS.
39. Kopja ta' Order Form No. 0445 - immarkat Dok. TT.
40. Kopja ta' Order Form No. 0446 - immarkat Dok. UU.
41. Kopja ta' Order Form No. 0443 - immarkat Dok. VV.
42. Kopja ta' Delivery Note No. 0697B - immarkat Dok. WW.
43. Kopja ta' Order Form No. 0458 - immarkat Dok. XX.
44. Kopja ta' Order Form No. 0457 - immarkat Dok. ZZ.
45. Kopja ta' Delivery Note No. 0694B - immarkat Dok. A1.
46. Kopja ta' Order Form No. 0460 - immarkat Dok. A2.
47. Kopja ta' Invoice No. 1326 - immarkat Dok. A3.
48. Kopja ta' Confirmation of Order No. 282 - immarkat Dok. A4.
49. Kopja ta' Cheque Nru. 294 009/A01 - immarkat Dok. A5.
50. Kopja ta' 'Missing Payments of Invoiced Sales' dat 15.1.77 immarkat bhala Dok. A6.
51. Kopja ta' ittra ta' Mario Micallef lil Mr Joseph Testa datat 15th November 1977 immarkat bhala Dok. A7.
52. Kopja ta' Confirmation of Order No. 118 immarkat bhala Dok. A8.
53. Kopja ta' Invoice No. 153 immarkat bhala Dok A9.
54. Kopja ta' Confirmation of Order No. 168 immarkat Dok. A10.
55. Kopja ta' Confirmation of Order No. 248 immarkat Dok. A11.

F'isem il-Kumpanija, is-Sur Joseph Zammit barra mid-dokumenti esibiti qabel, esibixxa dawn id-dokumenti:

/.....

(1) "Statement" iffirmat minn Carmen Bezzina datat 4th August 1978 immarkat bhala Dok. A12;

(2) Kopja ta' ittra datata 12th January 1978, iffirmata Jos. Zammit, Chairman, immarkata bhala Dok. A13;

(3) "Rough Sketch" tal-fabbrika - immarkata Dok. A14;

(4) "Statement" datat 17 ta' Jannar, 1978, iffirmat Joseph Said - immarkat Dok. A15;

(5) Dikjarazzjoni datata 25 ta' Lulju, 1978, iffirmata minn John Borg, Joe Sultana u Anthony Agius immarkat bhala Dok. A 16;

(6) Kopja ta' ittra datata 3 ta' Frar, 1978, iffirmata D. Cutajar - immarkata bhala Dok. A17 (1), Dok. A17 (2) u Dok. A17 (3);

(7) "Statement" datat 1/8/78 tas-Sur Dominic Cutajar - immarkat bhala Dok. A18 (1) u Dok. A18 (2).

(8) Kopja ta' "statement" bid-data tat-8 ta' Frar 1978 iffirmat mis-Sur J. Zammit (Dok. A 19).

(9) Kopja ta' lista ta' prezzijiet "wholesale" ex-Factory immarkata Dok A 20.

(10) Kopja ta' estratt mill-lista ta' prezzijiet, immarkata Dok. A21.

(11) Kopja ta' ittra li ggib id-data tad-9 ta' Frar 1978 minn Mario Micallef (l-appellant) immarkata Dok. A22.

(12) Kopja ta' "Statement" li ggib id-data tat-3 ta' Frar 1978, iffirmat mis-Sur S. Busuttil, Accounts Officer immarkat Dok. A23.

Is-Sur Mario Micallef elabora fuq il-fatti kif graw sakemm gie mkecci. Qal li fis-26 ta' Settembru 1977 gie msejjah mis-Sur Joseph Zammit ic-Chairman tal-Kumpanija u dan ordnalu biex ma jidholx izjed fil-Factory hlief fl-ufficcju biss u meta staqsih ghar-raguni, ic-Chairman baghtu fuq 'forced leave'. Meta fit-12 ta' Jannar dahal lura ghax-xoghol gie sospiz, 'on full pay' u hemm beda jithabat biex jigi nfurmat x'kienu l-akkuzi. Fil-frattemp

meta indahlet il-Union biex titkixxef u wara li r-rapprezentant tal-Union irranga biex jiltaqghu l-Union mac-Chairman wara li r-rapprezentant tal-Union kien ga nfurmah li kieku ried seta' jirrizenja u l-affari tmut hemm. Fil-laqgha li saret fil-Headquarters tal-Union semmewlu qorti u passi ohra u c-Chairman rega' qallu li jekk l-appellant jirrizenja jinghalaq il-file u l-affari tmut hemm. L-appellant ma deherlux li kellu jaccetta din il-proposta, wahda ghax inqas ma kien ghadu jaf x'kienu l-akkuzi, u l-ohra ghax hass li hu ma kellu ebda htija, fil-fatt, kieku irrizenja, ic-Chairman kien qallu li c-certifikat ikun pur. Sostna wkoll li hu ma giex ittrattat bhall-ohrajn li kienu serqu ammont ta' flus, li l-procedura li mxew biha mieghu ma kienetx korretta ghax lilu mill-ewwel baghtuh. Hu deher quddiem 'Board' ta' Dixxiplina minflok li l-kwistjoni giet trattata stadju wara l-iehor. Inqas ma gie trattat bhal ma gew trattati tlieta minn nies li ghaddew Bord, instabu hatja, halsu l-erbghin lira u la tkeccew u l-anqas ma gara xejn. Issa li l-akkuzi ma kienux fuq serq, hu ghalhekk ma setghax jifhem il-ghala lilu ma ttrattawhx bhal min kellu akkuzi izjed kbar, seta' ghalhekk jikkonkludi li xi hadd ried jehles minnhu mill-fabbrika. Fil-fatt il-kaz tieghu inqas ma gie ttrattat mill-Bord tal-haddiema.

L-appellant spjega li l-akkuzi ma kienux hekk serji li setghu jwasslu ghat-tkeccija inqas kieku kien misjub hati fuqhom kollha ahseb u ara li hu ma giex misjub hati ta' uhud minnhom u kellhu spejgazzjoni plawsibbli ghal kull wahda minnhom. Quddiem it-Tribunal huwa beda jittratta l-akkuzi wahda wahda.

<u>L-ewwel akkuza</u> - "Failing to give a satisfactory explanation as requested of you for not getting any orders between the 6th and 16th December 1977." L-appellant qal li kien kiteb lic-Chairman fit-2 ta' Jannar 1978 fejn kien tah ir-ragunijiet ilghala ma kienx gabar ordnijiet bejn dawn iz-zewg dati tas-

/7. ......

6 u 16 ta' Dicembru ghax bejn il-'leave' u s-Sibt u l-Hadd hu kellu biss sitt ijiem ta' xoghol u dawn ghaddihom jahdem biex igib l-'accounts' f'posthom u jigbor id-dejn. Hu esebixxa xi kopji ta' ittri f'dan ir-rigward. Fuq kollox bhala 'salesman' dirett mal-klijenti kien ilu xahar biss u kien ha ukoll ix-xoghol tas-Sur Farrugia. Kien ukoll ordnat mill-Manager tal-Kumpanija biex jikkoncentra fuq id-dejn u din kienet bicca xoghol kbira ghax ma kienx hemm l-affarijiet fl-ordni. Kien kiteb hafna ittri u kellu xi kopji minnhom izda zgur li gol-Kumpanija jinstabu ferm izjed. Jibqgha l-fatt, sostna l-appellant, li bejn is-7 ta' Novembru u l-15 ta' Dicembru 1977, bejn dejn u sales hu kien gabar £8772. Barra minn dan li s-'sales' dak iz-zmien kienu baxxi ghaliex il-Kumpanija kienet ghamlet 'sale' gol-fabbrika bi prezzijiet baxxi ta' hamsin fil-mija u l-klijenti ma kienux hadu gost. Hu kien kontra dan is-sale ghax seta' jara li jkun hemm riperkussjoni minn naha tal-klijenti u jonqos il-bejgh - semma klijent tajjeb hafna li minhabba f'hekk ma riedx lill-appellant jersaq izjed l-hemm.

<u>It-tieni akkuza</u> : "Failing to give as requested of you each individual sales shop-reaction visited by you between the dates quoted (6th - 16th December 1977). L-appellant sostna li din kienet ripetizzjoni ta' l-ewwel akkuza. Fl-ittra tieghu tat-2 ta' Jannar 1978, kien ta' spjega lic-Chairman tal-Kumpanija fuq dan is-suggett fejn wiegbu li r-ragunijiet kienu li s-sale li ghamlet il-Kumpanija kellu effett hazin hafna fuq il-klijenti, dak iz-zmien kien zmien ta' bejgh mir-'retailers' imma mhux mill-'wholesalers' li mhabba s-'sale' ma riedux jaghmlu ordnijiet.

<u>It-tielet akkuza</u> : "Failing to give a satisfactory explanation, as requested of you, for defying instructions." L-appellant sostna li hu kellu 'jippancja' il-'Punch Clock' ghax kien hemm nies li tkeccew mill-Kumpanija ghax ma ppancjawx u ghalhekk kellu ta' bilfors jidhol fil-fabbrika fejn kien il-'Punch Clock.'

Ir-raba' akkuza : "On the 26th December 1977, you have categorically stated that you have no records or cash of the Company in your possession. You went on leave since 26th December 1977. On the 12th January 1978 when you reported for work you stated that you have £80 in your possession but did not even consign them on that date." L-appellant qal li s-sistema kienet li hu kien jaghti l-flus lis-Sur Buttigieg ( li kien Manager tal-Kumpanija) u mhux lill-Accountant. Spjegalu dik in-nhar tas-26 ta' Dicembru 1977 li s-Sur Zammit (ic-Chairman) qallu "jien mhiniex ser noqghod nifferma ghal flus" u hu qal lis-Sur Zammit li l-flus kienu ghandu imma jekk ma jiffirmalux ghalihom ma kienx ser jaghtihomlu ghax hekk kienet il-procedura. Zid jghid li kien hemm statement tas-Sur Joe Said fejn jghid li hu kien qallu lis-Sur Said "Joe, id-dar ghandi £89, ghada ngibhomlok .... ghax ma jistax ikun li nzommhom izjed" u qallu li s-Sur Zammit irrifjuta li jiffermalhu. Fil-fatt hu kellu ricevuta ta' dawn il-flus.

Il-hames akkuza : "Allowed Discount on Credit Sales". L-appellant ma cahadtx li hu ta skont lil wiehed (Invoices 1303 / 06) li kien kompetitur u minn ghandu irnexxilu jgib ordnijiet ta' bejn £300/400 u thallas ftit granet wara. Hu deherlu li dak kien success li ntroduca l-items tal-Kumpanija u deherlu li inqas ma kellha tissemma ghax il-hlas sar biss erbat ijiem wara u mhux snin. Hu kien Head of Sales u deherlu li sa hawn kellu awtorita'. Fuq il-wahda l-ohra li ziedulu, Invoice 1920, ma setghax jirrispondi ghax ma kienetx fic-charge.

Is-sitt akkuza : "The following items were undercharged - followed by list of items". L-appellant qal li s-salesman ta' qablu kien ibiehhom bi prezz ta' £1 u hu ghamel l-istess ghax il-booklet ma kienx car. Ta' qablu kien ibiehhom hekk meta l-prezzijiet il-godda li jidher fuq il-'booklet' kienu

ga esistenti, u hu kien isostni li l-prezzijiet ta' £1 il-wahda li ccargja hu kien korrett imhabba n-nota li kien hemm fil-booklet - ghalih il-booklet ma kien car xejn fuq il-prezzijiet tal-"paperwėights."

Is-seba' akkuza : "The invoices in respect of the following (sittax il-wahda indikati bin-numru taghhom) delivery notes have not been entered at the Accounts Office. In addition 30 (8026) delivered per Delivery Note No. 0670 B are not yet invoiced." L-appellant qal li fl-inkjesta li saret instab biss fil-fehma tal-Board li kienu Order Nos. 0423 (0657 B) o435 (0667 B) 0446 (0689 B) 0443 (0691 B) 0456 (0697 B) 0458 (0698 B) 0460 (0694 B) li kienu in kwistjoni. Spjega li Order 0423 (0657 B) kienet ghal Air Supplies ta' Hal Luqa. Dawn kienu ihallsu £200 fix-xahar u fl-accounts kienu jidhru li kienu halsu izjed milli kellhom jaghtu lill-Kumpanija . Tant li kien kitbilhom biex jipprova jikklirja l-accounts kollha. Fil-fatt kien ircieva 'statement' li kien ghaddieh lill-Accounts. 0435 (0667 B) ma setghax jaghmel invoice ghax kien bejgh li x-xerrej hallas lill-haddiehor u mhux lilu, 0446 (0689 B) hareg ix-xoghol waqt li hu kien bil-leave, 0456 (0697 B) 0458 (0698 B) kienu l-istess wahda biss billi kien gie konsenjata nofs il-partita kien qed jistenna li l-kunsenja issir kollha halli jaghmel entrata shiha. 0460 (0694 B) kienu affarijiet li hu kien ha ghal hanut ta' missieru Kellu d-delivery note u l-order form li biha ordna l-affarijiet. Fuq l-ahhar parti ta' l-akkuza spjega li dawn kienu kalci tal-hgieg u l-klijent kien ghamillu l-osservazzjoni li ditta ohra kienet qed tatihomlu b'orhos u ghalhekk kien irrefera l-kaz lill-Manager u kien ghamel nota fuq id-Delivery Note li tah 30 bicca u ser jivvojcjawhom wara li jigi stabilit il-prezz.

It-tmien akkuza :"Mrs Ciantar of Dolmen Hotel was consigned £M67.05 worth of goods on the 11th November 1977.

She is in possession of invoice No. 1263 dated 15th November 1977 to the value of £M86.35. You are charged for (a) having failed to submit a copy of the invoice to the office (b) having charged Dolmen Hotel £M86.35,0 instead of £67.05,0. L-appellant spjega li dak kien zmien li hu kellu x'jaghmel wisq u hadd ma kien jiccekkjalu. Qal li "genwinament kien hemm zball" izda dan kien in "buona fede", sar kollox bil-miktub u dan juri li ma kien hemm habi xejn. Kien zball bill-prezz ta' item li ghamlet dik id-differenza.

Id-disa' akkuza : "The amount of £M42.00,0 is declared from Messrs 'Casabella' Valletta but the amount is not recorded in the Cash Book". Ta' dan l-appellant ippruduca photostat copy ta' cheque ghall-ammont dovut, ikkaxxjat mill-Kumpanija.

L-appellant allega li kien hemm kazi fil-Kumpanija fejn kien hemm certezza li kien hemm serq jew xi haga simili. Dan il-kaz kien gara fit-13 ta' Settembru 1977. Min kien fuq is-sales dak iz-zmien kien qal li kien tah lill-appellant bhala Head of Section tas-Sales £50 u fil-fatt ma kien tah xejn. Kien ghamel ir-rapport tieghu u baqa' ma sar xejn, izda fil-15 ta' Novembru ircieva ittra (kopja esibita) minn ghand id-Direttur li hu wiegeb (kopja tat-twegiba esibita wkoll). Dawn kien qed igibhom quddiem it-Tribunal biex juri li minkejja dan fuq din l-affari ma ttiehdux passi, u ttiehdu passi biss kontra tieghu. Qal ukoll li hu kellu wisq x'jaghmel u kien gibed l-attenzjoni tac-Chairman li hu ma setax ilahhaq u li bi twegiba ic-Chairman hareg bicca karta u talbu jirrizenja. B'dan qal l-appellant ried juri li l-Kumpanija kienet dak iz-zmien ghaddejja minn krisi u kellhom jaghmlu li jistghu. Ic-Chairman ghalhekk kien jaf li hu ma setax ilahhaq max-xoghol kollu u ma setax ghalhekk jaghmel xogholhu kif kellu jaghmlu. Fil-fatt fl-4 ta' Novembru is-Sur Buttigieg nehhielu nofs ix-xoghol. Semma affarijiet li fl-opinjoni tieghu kien hemm hafna affarijiet li kienu qed isiru irregolari, anki

bejgh b'inqas minn nofs prezz, bl-ordni tac-Chairman u tas-Sur Mangion, izda ghal dawn it-tnejn ma kienx jimporta li jkunu rregolari.

Is-Sur Joseph Zammit ghall-Kumpanija accerta lit-Tribunal illi l-kaz tal-appellant gie trattat bl-akbar mod gust. Lill-appellant fit-30 ta' Dicembru 1977 u fit-12 ta' Jannar 1978, intbaghtulu ittri (kopji ga esibiti) biex jispjega ghadd ta' akkuzi. L-ewwel gie moghti c-chance li jirrifletti u jispejga, talab l-intervent tal-Union tieghu u saru laqghat mar-rapprezentant tal-Union biex wiehed jara x'seta' jsir. Instab mill-Kumpanija li l-ispjega ta' l-appellant ma kienetx accettabbli izda hu bhala Chairman tah l-opportunita li jekk jirritorna d-dokumenti kollha tal-Kumpanija u l-flus tal-Kumpanija u jirrizenja, hu (c-Chairman) kien preparat li jikkunsidra l-kaz bhala maghluq. Dak iz-zmien kien zmien difficli ghall-Kumpanija u kellu ftit zmien biss x'jitlef. Dan l-appellant ma accetahx u ghalhekk hargu l-akkuzi formali (kopji esibiti). Sar il-Bord ta' l-investigazzjoni, furmat minn ufficcjali gholjin, l-appellant kellu min jiddefendih waqt is-smiegh u lill-appellant spjegawlu l-procedura u l-appellant stess wera s-sodisfazzjon tieghu ghall-arranganenti kif saru. Kellu c-chance igib id-dokumenti u x-xhieda kollha li kellu bzonn. Instab hati u tkecca, Minkejja dan ghandu dokumenti li huma tal-kumpanija fil-pussess tieghu.

Fuq l-ewwel akkuza is-Sur Joe Zammit sostna li l-appellant ammetta li ma gabx ordnijiet bejn is-6 u s-16 ta' Dicembru 1977 izda l-ispjegazzjonijiet tieghu ghal dan in-nuqqas ma gewx accettati ghax mhux minnhom. Is-'Sale' li semma l-appellant kien haga regolari ghall-Kumpanija, kien sar mill-Marsa u mhux mill-Belt, issa anki kieku tassew bejgh ma jkunx hemm imhabba is-sale, l-appellant kien imissu jaghmel sforz izjed mhux ma jippruvax. Dak kien zmien il-Milied meta jsir

l-izjed bejgh, fuq kollox dak kien bejgh tas-"seconds". Is-Sale tant ma ghamilx effett li l-istess negozju li l-appellant semma li ma riedx jaghmel ordnijiet imhabba is-sale, fis-6 ta' Dicembru ha xoghol kemm jiswa £275 (Invoice numru 1326) li kien hemm diskors mieghu ghall-ordni ta' £93 u jinnegozjaw ordnijiet konsiderevoli u saru kunsinni ohra ghal negozi ohra, f'dak il-perijodu. L-appellant kien qal li kellu ordnijiet biex'jikkoncentra' fuq il-flus. Seta kien dan, qal is-Sur Zammit, izda tikkoncentra ma jfissirx 'teskludi'. Fuq kollox is-Sur Zammit fisser id-distinzjoni bejn ordnijiet u bejgh ghax seta' wiehed igib ordnijiet li ma setghux jinhadmu u bejn l-ordnijiet u sales kien hemm differenzi sostanzjali. Anki fuq il-gbir ta'flus, is-Sur Zammit ikkontesta c-cifra li qal l-appellant, apparti mill-fatt li mill ftit kopji ta' ittri li esibixxa lit-Tribunal ma deherx li kkoncentra wisq. Irribatta wkoll l-argument ta' l-appellant li f'dan il-perijodu l-appellant hela hafna zmien ifittex id-dejn ghand min kien.

Fuq it-tieni akkuza s-Sur Zammit qal li l-appellant kieku tassew ma kienx hemm bejgh u ma kienx possibbli jgib ordni wahda biss, izjed u izjed l-appellant kien fid-dmir li jmur idur il-hwienet u n-negozji u jaghmel statement tar-reazzjoni individwali ta' kull wiehed. U dan kien mitlub jaghmlu u hu ma ghamlux u ghalhekk il-konkluzjoni tal-Bord tal-Inkjesta kienet tajba ghaliex f'perijodu kritiku ghall-Kumpanija, l-appellant ma zar ebda hanut u dan ikompli jaggrava serjament il-htija.

Fuq it-tielet akkuza is-Sur Zammit qal li fis-26 ta' Dicembru 1977, fil-presenza tal-Production Assistant, ta lill-appellant istruzzjonijiet cari u ghamillu enfasi li ghall-ebda raguni ma kellu jidhol fil-fabbrika u kellu jidhol biss bejn it-tlieta u nofs u l-erba' fl-ufficcju biex jiddeposita l-flus u d-dokumenti kollha li kellu. Esebixxa 'rough plan' tal-fabbrika u fejn kien il-'punch clock'. Spjega s-Sur Zammit

li l-ordni kienet li ma jidholx fil-fabbrika "ghall-ebda raguni" u l-appellant qal 'jien dhalt ghaliex ma kelli xejn bil-miktub biex ma nippancjax' u qal li bilfors trid tidhol fil-fabbrika biex tippancja. Apparti li dan mhux minnhu kif wera s-Sur Zammit l-appellant inqabad golfabbrika jpacpac man nies u fl-ittra stess li kiteb l-appellant qal "walked up the stairs towards the offices on the way I met some of my friends with whom I spent some time."

Fuq ir-raba' akkuza is-Sur Zammit qal li din kienet gravi ferm izjed mill-ohrajn, li kienu gravi wkoll, ghall-flus tal-kumpanija li ammontaw ghal £89.82,2 u li skond l-appellant kien gabar fis-26 ta' Dicembru, naqas jikkonsennahom u zammhom sas-26 ta' Frar 1978 (ricevuta numru 1008 esibita). Dan in-nuqqas l-appellant mhux biss ma cahdu qatt izda ried isib xi skuza fuq is-sistema lil min kellu jaghti l-flus ghalkemm hu ma riedx iwahhal fic-Chairman. Ic-Chairman kien qallu li bhala Chairman ma jiffirmax ghal flus izda kien qallu car li l-flus, l-invoices u d-dokumenti kollha jridu jigu depositati lill-Kaxxier. Mhux biss, izda fit-12 ta' Jannar meta dahal ghax-xoghol l-appellant inqas ma gab il-flus mieghu u lill-Kaxxier qallu li kellu xi tmenin lira (kopja ta' statement tal-kaxxier esibita) li ser igibhom u jaghtihomlu meta jista'. Dak iz-zmien il-Kumpanija kienet qed taghmel l-investigazzjonijiet fuq din il-materja. Fid-19 ta' Jannar meta saret il-laqgha mar-rapprezentant tal-Union, qalu lill-appellant biex jikkunsinna l-flus li gabar fis-26 ta' Dicembru u dan ma ghamlux - kien imwissi anki fil-bidu ta' Frar mill-President tal-Board tad-Dixxiplina biex immedjatament jiddepozita l-flus u d-dokumenti li kellu, u kien fit-8 ta' Frar li l-mara ta' l-appellant marret ghand ic-Chairman u nsistiet li taghtihom lilu u dan jaghtiha ricevuta. Dan kien wara li l-Bord sab lill-appellant hati. Kienu ser jittiehdu passi bil-Qorti imma fis-27 ta' Frar il-flus thallsu - xahrejn wara li suppost thallsu, dan minkejja

l-fatt li fis-26 ta' Dicembru l-appellant kien qal li la kellu flus u anqas dokumenti tal-Kumpanija. Is-Sur Zammit irritena l-gravita' ta' dan in-nuqqas ga serju minnhu mhabba l-fatt li l-appellant kellu jkun ta' xempju bhala kap tas-sezzjoni.

Il-hames akkuza - Is-Sur Zammit qal li hemm ix-xhieda li l-prezzijiet kienu jintlew mill-appellant. Kien hemm xhieda wkoll li flok i-iskont ta' 5% li kien jinghata l-appellant ta' skont ta' 10% u dan ghamlu minghajr l-ebda awtorita'. Semma wkoll xi invoices li fuqhom inghata skont mhux awtorizzat. Invoices 1303/4/5/6, 1322, 1320.

Is-sitt akkuza - Is-Sur Zammit spjega li kien hemm 'price list gdida' u l-appellant kellu jimxi bil-prezzijiet indikati, fil-fatt dan ma sarx fuq certi items li l-prezz taghhom kien £1.30,0 u hu bieghhom bil-prezz ta' £1 u ta' dan l-iskuza li ta qablu kien ibieghhom hekk mhux accettabli. L-appellant ma kellu ebda jedd jaghti dawn il-prezzijiet ghad-dannu tal-Kumpanija, il-ktieb tal-prezzijiet kien car.

Is-seba' akkuza - Dan fl-opinjoni tas-Sur Zammit kien nuqqas serju hafna. Dan instab li xi fatturi ma nstabux li xi darba dahlu fil-kotba tal-Account Office. Issemmew sittax il-fattura u l-appellant ipprova jiggustifika biss tmienja minnhom, u anki r-ragunijiet li semma l-appellant bl-ebda mod ma setghu jigu accettati. Ghax ordni giet konsenjata f'darbtejn kien dmir li l-fatturi kellhom isiru ghal zewg konsenji u mhux ma johrog ebda dokument ghal nofs il-konsenja. Dawn il-fatturi inzammu ghand l-appellant u juri li l-appellant ghad ghandu dokumenti tal-Kumpanija li hu ghadu ma rritornax, u dan kien ukoll nuqqas serju ghax l-appellant kellu struzzjonijiet biex jirritornahom anki bil-miktub. Instab li Invoice 0460 kienet ghand l-appellant stess u li ghaliha ma hallas.

/15. .....

It-tmien akkuza - Dan in-nuqqas fil-fehma tal-Kumpanija kien serju hafna, sostna s-Sur Zammit. L-appellant ammetta li dan kien zball tieghu 'in buona fede'. Anke jekk kien hekk kien negligenza serja u hadd ma seta' jghid x'kienet l-intenzjoni ta' l-appellant, ghax barra li ghamel zball fil-prezz, inqas ma ppresenta l-'invoice' u dan il-fatt kien jaggrava l-htija.

Id-disa' akkuza - Din l-akkuza giet iccarata.

Xhieda fil-qosor - Is-Segretarju tat-taqsima tal-General Workers' Union qal li kien avvicinat mill-appellant precisament wara li kien sospiz. Cempel dak il-hin lic-Chairman tal-Kumpanija u ftehmu li jiltaqghu halli jiddiskutu. Iltaqghu u c-Chairman qallu b'xi irregolaritajiet wahda minnhom li l-appellant kellu fil-pussess tieghu flus tal-Kumpanija (xi tmenin lira) li kien ghamel xi bejgh li l-invoices ma kienux jaqraw skond ir-ricevuta, u affarijiet ohra. Hu seta' jara li dawn kienu affarijiet gravi u ghalhekk, wara li kellem lill-appellant u dan accetta li kellu xi flus tal-Kumpanija, izda beda jichad affarijiet ohra, u wara li ra li kien hemm gravita', kien ta' parir lill-appellant biex jirrizenja halli johrog b'certifikat tajjeb. Dan ma riedx u allura irranga biex jiltaqa' mac-Chairman fil-presenza tal-appellant biex ikun jista' jara fejn kienet il-verita' u forsi l-appellant seta' jkompli fl-impieg jew jinsisti li jirrizenja. Izda l-attitudni tal-appellant dik in-nhar ma kienetx tajba xejn. F'mument wiehed invita lic-Chairman ihalli l-kamra biex forsi tikkalma s-sitwazzjoni izda gara li ma rnexxietx. Qal ix-xhud li gie li jirrangaw certi affarijiet b'rizenja u mhux bi tkeccija. Dak in-nhar tal-laqgha ix-xhud rega' gibed l-attenzjoni tal-appellant dwar it-tmenin lira (£80), u staqsih l-ghala ma gabhomx mieghu ghax kieku l-Management kien jara l-flus forsi kienu jirrangaw.

Miss Carmen Bezzina - ikkonfermat l-istatement taghha tal-4 t'Awissu fejn qalet li "li s-Sur Micallef (l-appellant) dejjem tajtu lura d-draft ta' l-ittra li kien jaghmel u kopja taghhom," u ziedet tghid 'il-procedura dejjem imxejt maghha u dejjem bghatthomlu lura."

Joe Sultana - John Borg - Anthony Agius - it-tlieta kkonfermaw l-istatement bid-data tal-25 ta' Lulju 1978 fejn cahdu l-allegazzjoni li saret waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz li kien hemm xi serq ta' £40 mill-Kumpanija, u li l-involuti hallsuhom u ma gara xejn.

Dominic Calleja - ikkonferma l-kontenut ta' zewg statements wiehed b'forma ta' ittra indirizzata lic-Chairman tal-Kumpanija li ggib id-data tat-3 ta' Frar 1978 u l-iehor bid-data ta' l-1 t'Awissu 1978 dwar incidenti ta' kwistjoni ta' £50.22,0 (dokument esibit) u l-iehor fuq allegazzjoni ta' serq ta' £50 (dokument esibit).

Joseph Dalli - qal li ma jiftakar qatt li kien hemm xi rapport li wasal ghand ic-Chairman u dan ma hax passi fuqu.

Vince Magri - ikkonferma li fis-26 ta' Dicembru 1977 l-appellant kien gie ordnat li ma setghax jidhol fil-fabbrika hlief fl-ufficcju, u li dak in-nhar kien ukoll mitlub li jikkonsenna l-flus u d-dokumenti li ghandu tal-Kumpanija, u li l-appellant accetta li jgibhom. Ikkonferma wkoll li hu kien ra lill-appellant fil-fabbrika.

Joseph Said - Ikkonferma l-istatement tieghu li jgib id-data taz-17 ta' Jannar 1978 fejn qal li fit-12 ta' Jannar 1978 l-appellant resaq fuqu u qallu li kellu xi £80 li kien dahhal minn credit sales - u li meta jkun possibbli ghalih igibhom u jaghtihomlu. Ikkonferma wkoll li l-procedura tal-bejgh kienet tajba, ma kienx hemm problemi li fihom wiehed seta' jitfixkel, u bejgh tal-gurnata kien jingabar filghaxija u l-

flus izommhom hu, kien jikkontrolla l-flus ma l-invoices u qatt ma kien hemm xi perijodu li ma kienx hemm min jigbor il-flus. Ma kien hemm ebda diffikulta dwar prezzijiet u l-istruzzjonijiet kienu cari. Il-prezzijiet kien idahhalhom min kien inkarigat mill-bejgh. Qal ukoll li minkejja l-fatt li fit-Trade Fair kienu jinbieghu affarijiet bi skont ta' hamsin fil-mija l-bejgh kien jibqa' sejjer normali.

Sottomissjonijiet finali : Is-Sur Zammit ghall-Kumpanija sostna li l-appellant :

a) ammetta l-fatti tal-akkuzi migjuba kontrih b' eccezzjoni tad-disa' akkuza;

b) ma tella' ebda xhieda biex jiggustifika n-nuqqasijiet tieghu;

c) ipprova jghid li l-kaz tieghu kien ittrattat b'mod ingust.

Fil-fehma tieghu l-appellant kellu jinstab hati tal-akkuzi kollha ghax anki fuq id-disa akkuza l-fatt kien li l-appellant ammetta li l-ammont ta' flus £42, kienu ngabru minnhu ma kkontestax il-fatt li ghadhom ma dahlux il-fabbrika.

Qal ukoll li n-nuqqasijiet huma serji u gravi fihom infushom ghaliex minghajr eccezzjoni jmorru kontra l-interessi diretti tal-Kumpanija u meta tehodhom kollettivament u tikkunsidra l-kwalita', l-kwantita' u n-natura ripetuta ta' certi kazi li graw f'intervall relattivament qasir, ikompli jkabbar il-gravita' ta' l-akkuzi. Waqt li l-akkuzi, mehudin wahda wahda jista' wiehed ihoss li l-appellant kellu jinghata cans iehor qabel ma jitkecca, mehudin kollettivament, zgur ma jibqa' l-ebda dubbju li ma kienx hemm lok ta' mizuri dixxiplinarji inqas harxa.

Mix-xhieda li tellghet il-Kumpanija jirrizulta li l-akkuzi kollha gew pruvati u kien ser ikun hemm izjed akkuzi kontra l-appellant kieku ma kienx ga barra mill-Kumpanija. Ir-ragunijiet li gieb l-appellant biex jiggustifika n-nuqqasijiet tieghu kienu inaccettabbli.

Ma kien hemm ebda glieda personali bejn ic-Chairman u l-appellant. Kien gie mressaq quddiem Bord, kellu min jghinu waqt is-smiegh, kellu iz-zmien kollu biex jipprepara ruhu. Dan gie apprezzat anke mill-istess appellant.

L-appellant, is-Sur Mario Micallef, qal li hu kien iggustifika ruhu kompletament fuq l-akkuzi kollha li ngiebu kontrih. Ma riedx li jehilsu minnhu kif xtaq ic-Chairman billi jirrizenja u kien cert li jitla' quddiem min ikun izda hu kien messu tela' quddiem Bord tal-haddiema.
Fil-fatt hu qatt ma gie moghti twissijiet u qatt hadd ma gibidlu l-attenzjoni li kien miexi hazin. Dan kien mottiv personali u anki kif mexxa l-kaz is-Sur Zammit wera certa antipatija persunali. Rega' sostna li lilu ma ttrattawhx bhal haddiehor.

Sostna li ma kienx hemm bazi ghal hafna akkuzi. Ma tul is-smiegh tal-kaz quddiem it-Tribunal kellu l-opportunita' li jaghti l-ispjega cara u accettabbli ghal kull akkuza li gietu kontra tieghu. Ma kienx hemm wahda biss li ghaliha ma kellux twegiba accettabbli u kienet wahda biss li ghaliha ammetta li kien kaz ta' zball genwin li seta' jiehdu kulhadd.

Ordnijiet kien gabar u mhux ma gabarx ghax is-sales jittiehdu fuq bazi ta' ghall-inqas xahar u mis-7 ta' Novembru 1977 sal-15 ta' Dicembru hu biegh £4000. Qal li ikkoncentra fuq il-gbir tad-dejn meta l-fabbrika kienet ghaddejja minn krizi ta' likwidita biex ikolla biex thallas il-haddiema.

Spjega l-ghala dahal fil-fabbrika, l-ghala ta' certi discounts - fil-kummerc dan isir dejjem u hu kien Head of Sales u kellu certa latitudni. Dejjem ha l-interessi tal-fabbrika, il-flus mhux veru li ma hadhomx. Kien ic-Chairman stess li ma hadhomx ghax irrifjuta jiffirmalhu ghalihom. Anke ghall-akkuza li iccargja mhux bhal price list hu kellu mhux skuza imma spjega tajba bhal ma ta fuq l-affari tal-invoices. Fuq il-kaz tad-disa akkuza, b'xorti kbira kellu kopja tac-cheque li bih sar il-hlas.

Dan kien kaz li seta', kieku ried ic-Chairman, jiccarah dmont li kien ghadu impjegat u kien ikollu izjed facilitajiet biex jispjega. Ghalhekk talab lit-Tribunal biex jiddeciedi favur tieghu.

Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal - It-Tribunal qabel xejn irid jaghmilha cara li certi akkuzi u allegazzjonijiet li jinstemghu waqt is-smiegh tal-kaz ma hadhomx inkunsiderazzjoni, wahda ghaliex l-akkuzi kellhom fil-kaz jaghtuhom lill-appellant qabel u jtuh l-opportunita' li jiddefendi ruhu, kif sar fil-kaz tad-disa akkuzi li sema' l-Bord tal-Parastatali, u l-ohra ghaliex mhux sewwa li jsiru allegazzjonijiet li ma jigux sostanzjati. It-Tribunal ghalhekk hass li ghandu jillimita ruhu biss ghal dawk l-akkuzi li fuqhom l-appellant tkecca.

It-Tribunal japprezza d-diffikulta li kellu l-appellant biex jiddefendi lilu n-nifsu meta ma kellux ghad-disposizzjoni tieghu l-materjal li kellha l-Kumpanija, izda waqt li l-appellant semma fit-trattazzjoni certi nies fil-fatt ma tellahhomx biex jaghtu x-xhieda izda illimita ruhu li jsemmihom biss. It-Tribunal, ghalkemm dejjem jiehu kaz ta' dak li jinghad ma jkunx jista' jiehu in konsiderazzjoni dak li ma jigix sostanzjat. Dan il-kaz beda tajjeb billi l-partijiet qalu li kellhom jghidu izda bil-mod il-mod kiber ghaliex il-partijiet dahlu f'hafna dettalji. Bhal ma qal darba c-Chairman tal-Qorti

tal-Arbitragg fl-Award Numru 56 "Between this Scylla and Charybdis the Tribunal has to navigate on the good ship 'just cause' with the old seamen 'equity'".

It-Tribunal hu tal-fehma li l-ewwel tlett akkuzi kif ukoll il-hames u s-sitta mhumiex akkuzi gravi ghalkemm prùvati ghandhom, anki jekk wiehed jehodhom kollha f'daqqa, jimmeritaw il-piena estrema ta' tkeccija. Issa id-disa akkuza nstabet bla bazi ghaliex jidher car li l-flus ingabru b'cheque u li dan ic-cheque issarraf minn min kien awtorizzat mill-Kumpanija. Fuq it-tmien akkuza, milli sema' it-Tribunal, jidher li kien zball ta' l-appellant u ghalkemm it-Tribunal irid jemmen li kien zball 'in buona fede' kien zball ta' nuqqas ta' attenzjoni, li seta' jkun ta' hsara lill-Kumpanija. L-akkuzi l-ohra, ir-raba u s-seba' huma ta' certa serjeta'. Irrizulta fuq ir-raba' akkuza li kien minnu li dawk il-flus (£89.82,0) thallsu fis-27 ta' Frar 1978 meta ngabru fl-ahhar ta' Dicembru 1977. Anke jekk it-Tribunal jaccetta bhala fatt li f'data bejn dawn iz-zewg dati l-appellant qal li c-Chairman irrifjuta jifferma ghalihom. Il-flus li jingabru ghandhom dik il-gurnata stess jigu konsennati lil min hu responsabbli, bhal Accountant jew Kaxxier. Dan in-nuqqas, fil-fehma tat-Tribunal huwa gravi anki jekk f'mohh l-appellant ma deherx hekk, anke fil-kaz tal-akkuza numru seba', il-kotba u l-invoices ghandhom dejjem jirriflettu is-sewwa li wiehed b'daqqa t'ghajn ikun jista' jzomm il-polz tal-andament tal-Kumpanija. Mill-kompless tax-xhieda jidher li anki f'dan ir-rigward in-nuqqas gie ppruvat. Fis-sottomissjonijiet taghha l-Kumpanija qalet "Imma dan ifisser ukoll li fil-waqt li f'kaz izolat wiehed jista' jhoss li, fil-waqt li ghandu jikkundanna ghandu wkoll jaghti lill-appellant cans iehor, f'dan il-kaz, fejn l-ommissjonijiet kienu tant varji, ripetuti u spissi zgur m'hemmx il-lok li l-appellant jinghata dan ic-cans." It-Tribunal wara li sema' x-xhieda prodotti, ezamina d-dokumenti esibiti kollha maghmula, wasal biex jaqbel ma dak li ntqal mill-Kumpanija fis-sottomissjoni citata.

Award

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. CRAIG
Chairman

S. GRECH
Segretarju

en